**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 497/2013**

Il-Pulizija

(Supt. Carmelo Magri)

vs

**Lawrence Attard**

iben Carmel, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-10 ta' April, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 15064(G)

Illum, l-Erbgha 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lawrence Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, u f'dawn l-ahhar xhur qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u

minghajr ma kien awtorizzat mir-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali esklussiv tieghu;

c. U aktar talli f'xi hin fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Theresa Agius, mir-Rahal Gdid;

d. U aktar talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 4 tal-1939 u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; Regolament 9 tal-AL101.2002; l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt(6) snin, u ghal multa ta' ghaxart elef

Ewro(€10,000). Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundahhatu jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €958.61

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Attard tal-14 ta' Novembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas tapplika piena inqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ddeduciet konkluzjonijiet zbaljati meta waslet biex anke toqghod taghmel matematika fuq dak li kien dubbjuz anke dwar somma li suppost kellu Attard , l-appellant dak in-nhar ta' 1-1-2 ta' Ottubru 1999, li suppost huwa biegh droga lill-istess Agius meta kienet l-istess Filippa Chircop li qalet fuq LM 40 li ma tiftakar xejn[1];

2. Illi hemm konflitt serju bejn l-versjonijiet kemm ta' l-istess Filippa Chircop u l-istess Pawlu Micallef u dan l-Qorti xorta waslet ghall-konkluzjkoni ta' htija fil-konfront tal-appellant meta naqset li tiehu in kunsiderazjzoni cirkostanzi li sehhew fil-jum tal-l ta' Ottubru 1999 u l-jum ta wara;

3. Illi anke mil-ezami forensiku u l-post mortem tal-istess Therese Agius ma kienx hemm ebda konkluzjoni li b'xi mod setghat torbot lill-istess appellant ma tehid tal-istess droga amministrata lilha minn Azzopardi iz-zikizok;

4. Illi l-Qorti wkoll naqset li tara l-fatt li fl-ebda mument ma' Filippa Chircop ikkoroborat ix-xhieda tal-istess Pawlu Micallef u dan kif indikat fl-istess nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza prezentata fil-mori ta' dawn il-proceduri;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti wkoll ghamlet apprezzament legali zbaljata dwar d-dewmien ta' dawn il-proceduri meta dawn il-proceduri li bdew fl-1999 u liema kaz gie deciz 14 il-sena wara , qalet

---

[1] U dan b'referenza ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f'pagna 21 tas-sentenza meta qalet li "jikkonferma Micallef illi Theresa qaltlu li kienet xtrat droga dakinhar minghand l-imputat, tliet pakketti eroina versu LM 10 il-pakkett.Mela hawn Attard qala LM 30 minghand Pawlu Micallef qala Micallef ghax Micallef xtara biss pakkett wiehed. Allura Attard gie qala LM 40. Dan tikkonfermah Filippa Chirchop skont dak li qalliha l-imputat

fis-sentenza taghha li " *ikkunsidrat iz-zmien twil illi hliet id-difiza biex resqet il-provi kemm xejn skarsi taghha* ", meta il-Qorti wkoll taf li l-prosekuzzjoni damet sas-sena 2006 u precizament sal-21 ta' Gunju 2006 meta sar il-verbal li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi(ara fol 536), u ghalhekk ma haditx dan in kusiderazzjoni ai fini ta' piena kif indikata fil-kawza Ebcin vs Turkey[2] u wkoll dak li qalet l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza ir-Repubblika ta' Malta vs omissis Anthony Felice omissis[3], li johrog il-principju li l-Qorti ghandha taghmel mitigazzjoni fil-piena minhabba trapass taz-zmien;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat r-risposta tal-appell ipprezentata mill-Avukat Generali fl-04 ta' Marzu 2014.

Rat it-trattazzjoni maghmula quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravji imqanqla mill-appellant din il-Qorti tosserva illi hemm nuqqasijiet serji mhux biss fid-decizjoni impunjata izda ukoll fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell ipprezentat mill-appellant, tali li ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti tipprocedi bis-smigh tal-appell minghajr ma jigu irrimedjati tali nuqqasijiet.

Illi din il-Qorti ghalhekk *ex officio* ma tistax hlief tissolleva n-nullita parzjali tad-decizjoni impunjata u dan fit-termini ta'l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti meta giet biex issib il-htija ghat-tielet akkuza dedotta kontra l-appellant indikat erronjament id-disposizzjonijiet tal-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali minflok dik indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat

[2] Ara ECHR 1 ta' Frar 2011 ( application n 19506/05)

[3] Deciza fid-9 ta' Ottubru 2003

Generali u cioe' l-artikolu 225 li jitkellem dwar ir-reat tal-omicidju involontarju. Mhux biss, izda anke meta issemmi id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kienu imsejsa l-ewwel zewg imputazzjonijiet, jigi indikat l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' tal-Kodici Kriminali, meta fil-fatt ir-reati kienu jaqghu taht l-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant gie b'mod ewlieni akkuzat bir-reati dwar it-traffikar u il-pussess aggravat tad-droga eroina. Illi madanakollu fit-tielet imputazzjoni l-appellant jigi ukoll addebitat bir-reat tal-omicidju involontarju ta' Therese Agius, kif inghad. Fil-fatt fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, apparti l-kontro-ordni mahrug mill-Avukat Generali fit-termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalihom kienu jirreferu l-ewwel zewg imputazzjonijiet, tindika ukoll li tista' tinstab htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali. Mhux biss izda huwa ukoll evidenti illi r-reati li jitkellmu dwar it-traffikar u il-pussess tad-droga huma mahsuba fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ma' jaqghux taht il-kappa tal-Kodici Kriminali.

Issa d-*decide* tas-sentenza impunjata taqra hekk:

> **"Ghaldaqstant din il-Qorti, maghmula dawn il-konstatazzjonijiet kollha, issib lil Lawrence Attard hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel wahda, u dan wara li rat <u>l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 9</u> tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 4 tal-1939 u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; G.N. 292/1939, Regolament 9 tal-AL101.2002; <u>l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9</u> tal-Ligijiet ta' Malta; u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi allura maghdud dan hemm in-nullita' parzjali tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddisponi illi:

> "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **<u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>**."

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija.

Issa s-sentenza appellata kif inghad tippekka f'zewg partikolaritajiet. Dan ghaliex ghalkemm l-Ewwel Qorti indikat korrettament ir-regolamenti li jaqghu taht il-Legislazzjoni Sussidjarja marbuta mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu meta tigi biex ticcita id-disposizzjoni tal-ligi li jikkontempla ir-reati marbuta mal-ewwel zewg akkuzi, tindikah li jaqa' taht il-Kapitolu 9, minflok il-Kapitolu 101. Mhux biss izda imbaghad b'referenza ghas sejbien ta' htija ghall-akkuza dwar il-qtil involontarju tindika l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar ir-reat tal-hsara volontarja u cioe' l-artikolu 328 li ma ghandu xejn x'jaqsam mar-reati addebitati lill-appellant. Illi ghalkemm dan seta' kien *lapsus calami* mill-Ewwel Qorti, madanakollu dan l-izball ma jeradikax in-nullita li titkellem dwarha il-ligi.

Premess dan allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni, bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita l-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma' l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**" [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-appellant illi anke it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-appell hija wahda kontradittorja billi qed tintalab ir-riforma u r-revoka fl-istess nifs. Din taqra hekk:

> **"Ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas tapplika piena inqas harxa fic-cirkostanzi."**

Illi madanakollu permezz tal-emendi introdotti fil-ligi bl-Att 1 tal-2018 tali nuqqas ma igibx il-konsegwenzjali nullita tar-rikors tal-appell. Illi ghalkemm il-Qorti ser tghaddi biex tannulla d-decizjoni impunjata ghal motivi hawn fuq migjuba, madanakollu ghandha issir il-korrezzjoni appozita u dan sabiex l-atti jigu sanati fl-intier taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna illi l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu w l-aggravji tal-appellant jigu ikkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur